31968R0316

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 316/68 TAL-KUNSILL

tat-12 ta' marzu 1968

li jiffissa l-i*standards* ta' kwalità għall-fjuri maqtugħa friski u weraq frisk ornamentali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

wara li kkunsidra t-trattat li jwaqqaf il-komunità ekonomika ewropea;

wara li kkunsidra r-regolament tal-kunsill (kee) n 234/68 [1] dwar it-twaqqif ta' l-organizzazjoni komuni tas-suq tas-siġar ħajja u pjanti oħra, basal, għeruq u oġġetti oħra ta' din ix-xorta, fjuri maqtugħa u weraq ornamentali, u b'mod partikolari l-artikolu 3 tiegħu;

wara li kkonsidra l-proposta tal-kummissjoni;

billi hemm negozju sostanzjali fil-fjuri friski maqtugħa u weraw frisk ornamentali kemm fil-komunità u bejn l-istati membri u pajjizi terzi; billi t-titjib u l-i*standard*izzazzjoni tal-kwalitajiet tal-prodotti *marketed* huwa mixtieq; billi, għalhekk, għandhom jiġu adottati *standards* komuni ta' kwalità;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. L-i*standards* ta' kwalità għandhom ikunu ffissati għall-:

— fjuri maqtugħa friski u blanzuni tal-fjuri ta' tip li jkun adattati għall-bukketti jew għall-għanijiet ornamentali, li jaqgħu taħt is-subintestatura n 06.03 a tat-tariffa doganali komuni,

— weraq frisk ornamentali, weraq, zkuk u partijiet oħra ta' pjanti li jaqgħu taħt is-subintestatura n 06.04 a ii tat-tariffa doganali komuni.

2. Dawn l-i*standards* ta' kwalità huma definiti fl-anness i.

L-Artikolu 2

1. Mill-1 ta' lulju 1968, il-prodotti speċifikati fl-artikolu 1 li ma' jissodisfax l-i*standards* ta' kwalità, ma' jistgħux:

— Fil-komunità, jitpoġġew għall-bejgħ jew jinbiegħu fl-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa kemm minn-negozjanti jew direttament mill-produtturi,

— jiġu mportati minn pajjiz terz,

— jiġu esportati lejn pajjiz terz.

2. L-Istati membri jistgħu jkunu awtorizzati illi jieħdu miżuri li jidderogaw mid-disposizzjonijiet tat-tielet inċiż tal-paragrafu 1 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' l-i*standards* ta' kwalità sabiex jippermettu lill-esportaturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tan-negozju ta' ċertu pajjizi terzi.

Awtorizzazjoni bħal dik għandha tingħata skond il-proċedura msemmija fl-artikolu 14 tar-regolament (kee) n 234/68, u l-kondizzjonijiet li għalihom tista' tiġi soġġetta l-awtorizazzjoni għandhom jiġu determinati skond l-istess proċedura.

L-Artikolu 3

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak li fih jiġi ppublikat fil-ġurnal uffiċjali tal-komunitajiet ewropej.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-istati membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Marzu 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

E. FAURE

[1] ĠU N L 55, tat-2.3.1968, p. 1.

L-Anness I

Standards **komuni ta' kwalità għall-fjuri maqtugħa**

i. Definizzjoni tal-prodott

Dawn l-i*standards* għandhom japplikaw għall-fjuri maqtugħa friski u blanzuni tal-fjuri ta' tip adattati għall-bukketti jew għall-għanijiet ornamentali, li jaqgħu taħt is-subintestatura n 06.03 a tat-tariffa doganali komuni,

ii. Rekwiżiti ta' kwalità

a. *Rekwiżiti minimi*

Il-prodotti iridu jiġu maqtugħa jew miġbura b'attenzjoni, skond l-ispeċje, u jkunu laħqu stadju ta' tkabbir adattat.

b. *Klassifikazzjoni*

(i) Klassi i

Il-prodott f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità tajba. għandu jkollu l-karatteristiċi ta' l-ispeċje u, fejn xieraq, tal-varjetà (*cultivar*).

Kull parti tal-fjuri maqtugħa għandha tkun:

— sħiħa,

— friska,

— ħielsa minn parassiti li jattakkaw l-annimali jew il-ħxejjex u minn ħsara ikkawżata minn dawn,

— ħielsa minn fdalijiet ta' pestiċidi u materjali barranin oħrajn li jaffettwaw id-dehra,

— mingħajr daqqiet,

— ħielsa minn difetti ta' l-iżvilupp; għall-qronfol buttun maqsum mhux ikkonsidrat bħala difett fl-iżvilupp.

Madankollu, fir-rigward tal-qronfol amerikan, fjuri bil-buttun maqsum għandhom ikunu mdawra b'ħolqa, mpoġġija separatament f'lottijiet uniformi u l-pakketti immarkati kif xieraq.

Iz-zkuk għandhom, skond l-ispeċi u l-varjetà *(cultivar*) jkunu sodi u b'saħħithom biżżejjed biex isostnu l-fjura(i).

(ii) Klass ii

Din il-klassi għandha tinkludi l-prodotti kollha li ma' jilħqux ir-rekwiżiti tal-klassi i.

Kull parti tal-fjuri maqtugħa għandha tkun:

— sħiħa,

— friska,

— ħielsa minn annimali parassiti.

Il-fjuri jistgħu, madankollu, jkollhom id-difetti li ġejjin:

— malformazzjoni ħafifa,

— daqqiet ħfief,

— ħsara ħafifa kkaġunata, per eżempju, minn mard jew annimali parassiti,

— żkuk inqas sodi u wieqfa,

— marki żgħar ikkaġunati bit-trattament bil-pestiċidi.

Id-difetti permessi m'għandhomx itellfu mill-kwalità li l-fjuri jżommu, l-apparenza jew l-utilità tal-prodotti.

ċ. *Klassi żejda*

prodotti li jikkwalifikaw għall-klassi i mingħajr l-għajnuna ta' xi toleranza fil-kwalità jistgħu jiġu immarkati żejda. madankollu, din il-klassifikazzjoni ma' tistax tintuża għall-qronfol amerikan bil-buttun maqsum.

iii. Disposizzjonijiet speċjali

Id-disposizzjonijiet speċjali għal ċertu tipi ta' fjuri msemmija fl-anness i a għandhom japplikaw bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-anness.

iv. Daqs

Għall-fjuri maqtugħa, id-daqs għandu mill-inqas jaqbel mal-gradazzjoni li ġejja:

kodiċi	tat-tul
0	inqas minn 5 ċm jew fjuri mibjugħa mingħajr zkuk
5	5 – 10 ċm
10	10 – 15 ċm
15	15 – 20 ċm
20	20 – 30 ċm
30	30 – 40 ċm
40	40 – 50 ċm
50	50 – 60 ċm
60	60 – 80 ċm
80	80 – 100 ċm
100	100 – 120 ċm
120	aktar minn 120 ċm

Dawn it-tulijiet jinkludu ras il-fjura.

Id-differeza għall kull unità ta' preżentazzjoni (mazz, bukkett, kaxxa u oħrajn simili) bejn it-tul massimu u dak minimu tal-fjuri fl-unità ma' jistgħax jeċċedi:

— 2,5 ċm għall-fjuri fil-kodiċi 15 u taħtu,

— 5,0 ċm għall-fjuri fil-kodiċi 20 (inkluż) sa 50 (inkluż),

— 10,0 ċm għall-fjuri fil-kodiċi 60 u fuqu.

Din id-differenza tista' tiġi rduppjata għall-fjuri ppreżentati fil-forma ta' mrewħa. għall-kristantemi bi fjuri kbar ippreżentati fil-forma ta' mrewħa din id-differenza tista' tiżdied sa 20 ċm għall-fjuri fil-kodiċi 20 sa 50 (inklużi).

Il-grad tad-daqs u t-tulijiet uniformi provduti hawn fuq ma' japplikawx għall-*mimosa*.

It-tul minimu għaz-zkuk tal-*mimosa* għandu jkun iffissat għal 20 ċm. madankollu, mazzijiet u bukketti komposti esklussivament minn zkuk żgħar ta' tul anqas minn 20 ċm jistgħu ikunu aċċettati basta l-kliem "zokk qasir" jew terminu ekwivalenti jidher fuq il-pakketti.

v. tolleranzi ta' kwalità

tolleranzi ta' kwalità jistgħu ikunu permessi f'kull unità ta' preżentazzjoni kif ġej:

(i) Klassi i

5 % tal-fjuri maqtugħa jista' jkollhom difetti żgħar, bil-kondizzjoni li l-uniformità tal-fjuri f'unità ta' preżentazzjoni ma' tkunx affettwata.

(ii) Klass ii

10 % tal-fjuri maqtugħa jistgħu ivarjaw mir-rekwiżiti tal-klassi. nofs dan il-perċentwali jistgħa jkun ġie attakkat minn parassiti ta' oriġini mill-annimali jew veġetali.

Id-difetti in kwistjoni m'għandhomx itelfu mill-utilità tal-prodotti.

vi. Ippakjar u preżentazzjoni

a. *Preżentazzjoni*

Unità ta' preżentazzjoni (mazz, bukkett, kaxxa jew oħrajn simili), għandhom jikkonsistu f'5, 10 jew numru immoltiplikat b'10 biċċiet. madankollu, fjuri normalment mibjugħa bil-waħda u dawk normalment mibjugħa bl-użin huma eżentati minn din ir-regola.

b. *Uniformità*

Kull unità ta' preżentazzjoni (mazz, bukkett, kaxxa u oħrajn simili) għandu jkun fiha fjuri ta' l-istess razza, speċji jew varjetà (*cultivar*) u ta' l-istess klassi ta' kwalità, u li jkunu laħqu l-istess stadju ta' żvilupp.

Taħlit ta' fjuri jew taħlit ta' fjuri b'weraq ta' razez, speċji jew varjetà (*cultivar*) differenti huma madankollu permessi sakemm jintużaw prodotti ta' l-istess klassi ta' kwalità u sakemm ikunu immarkati kif xieraq.

ċ. *Ippakkjar*

L-ippakkjar għandu jiproteġi il-prodott b'mod adegwat. karti jew materjali oħra li jiġu f'kuntatt dirett mal-fjuri għandhom ikunu ġodda.

vii. Immarkar

Il-partikolaritajiet li ġejjin għandhom jakkompanjaw il-prodotti:

a. *Identifikazzjoni*

minn qed jibgħathom jew minn jippakkja } l-isem u l-indirizz jew il-marka tal-kodiċi

b. *In-natura tal-prodott*

— razza,

— speċji jew varjetà (*cultivar*) jew kulur tal-fjuri,

— fejn xieraq, il-kelma "taħlita"(jew terminu ekwivalenti).

ċ. *Oriġini tal-prodott (mhux obbligatorju)*

Reġjun ta' l-oriġini, jew isem nazzjonali, reġjonali jew lokali.

d. *Speċifikazzjonijiet kummerċjali*

— klassi,

— daqs (kodiċi tat-tul) jew tul minimu u massimu,

— numru jew piż nett.

e. *Marka ta' kontroll uffiċjali (mhux obbligatorja)*

L-ANNESS I A

standards ta' kwalità komuni għall-fjuri maqtugħa friski

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-*MIMOSA*

Il-*mimosa* għandha tissodisfa ir-rekwiżiti ta' kwalità tal-klassi i.

Madankollu, għal din il-fjura, ir-rekwiżit ta' l-ebusija ma' japplikax għat-trufijiet ta' fuq taz-zkuk tal-fjuri.

Il-bażi taz-zkuk m'għandux ikun fihom wisq injam.

Il-*mimosa* għandha ukoll tissodisfa ir-rekwiżiti ta' kwalità li ġejjin:

— zkuk li jkunu miksija sew bil-fjuri;

— truf li ma' jkunux miksura jew maqtugħa. madankollu zkuk li jkollhom trufijiet miksura huma permessi meta s-sezzjoni miksura ikollha djametru ta' anqas minn 2 millimetri.

Il-*mimosa* tista' tiġi ppreżentata bil-fjuri miftuħa jew le.

Għall-*mimosa* bil-fjuri miftuħa, il-fjura għandha tkun normali għall-varjetà u n-numru ta' rjus ta' fjuri ħodor li jkunu għadhom ma' fethux ma' jistgħax jeċċedi:

— 60 % għall-floribunda,

— 20 % għall-ispeċji u varjetajiet oħra.

L-irjus tal-fjuri għandhom ikunu ta' kulur normali, mingħajr tikek u mwaħħla sew mal-ħruġ miz-zokk.

Għall-*mimosa* li l-fjuri tagħha għadhom mhux miftuħa, 80 % ta' l-irjus tal-fjuri għandhom ikunu sofor (kemm kemm miftuħa).

Preżentazzjoni

Iz-zkuk tal-*mimosa* għandhom ikunu irranġati f'saffi jew preżentati f'mazzez ta':

— 150 gramma, 250 gramma jew numri immultiplikati b'250 gramma.

Il-*mimosa* li l-fjur tagħha jkunu għadhom maluqgħa għandha tkun ippakjata f'basktijiet żgħar magħmula mill-*polyethylene* jew sustanza simili.

Kull unità ta' preżentazzjoni, ukoll meta offruta f'ammonti kbar, għandha tkun ta' komposizzjoni uniformi u jkun fiha biss zkuk ta' l-istess speċji u varjetà.

Immarkar

Flimkien ma' l-indikazzjoni ta' minn ikun ippakkja jew minn ikun bagħathom, fuq kull pakkett, l-immarkar għandu jinkludi il-partikolaritajiet li ġejjin:

— ir-razza,

— l-ispeċje jew il-varjetà (*cultivar*),

— il-kliem "bil-fjuri miftuħa"jew "mhux bil-fjuri miftuħa",

— fejn xieraq, il-kliem "b'zokk qasir"jew terminu ekwivalenti.

— l-piż nett totali jew in-numru ta' mazzijiet u l-piż ta' kull wieħed.

L-ANNESS II

Standards ta' kwalità komuni għall-weraq friski ornamentali

i. Deskrizzjoni tal-prodott

Dawn l-istandards għandhom japplikaw għall-weraq friski ornamentali, weraq, żkuk u partijiet oħra ta' pjanti li jaqgħu taħt is-subintestatura n 06.04 a ii tat-tariffa doganali komuni.

ii. Rekwiżiti ta' kwalità

Il-prodotti għandhom ikunu:

— ta' apparenza friska,

— ħielsa minn fdalijiet tal-pestiċidi u materjali barranin oħrajn li jaffettwaw l-apparenza,

— ħielsa minn parassiti ta' l-annimali jew tal-ħxejjex u minn ħsara kkawżata minn dawn li ttellef mill-apparenza ġenerali,

— mingħajr difetti, bħal daqqiet jew midbiela, li jtelfu mill-apparenza ġenerali,

— mingħajr umdita esterna eċċessiva,

— li jkollhom il-kulur tipiku ta' l-ispeċje tal-varjetà.

Il-prodotti għandhom ikunu maqtugħa b'attenzjoni u jkunu laħqu stadju ta' maturita suffiċjenti.

iii. Disposizzjonijiet speċjali

Id-disposizzjonijiet speċjali fir-rigward il-felċa ta' l-asparaġi msemmija fl-anness ii a jissuplimentaw id-disposizzjonijiet ta' dan l-anness.

iv. Tolleranzi ta' kwalità

It-tolleranzi ta' kwalità jistgħu ikunu permessi f'kull unità ta' preżentazzjoni kif ser jingħad: 10 % tal-weraq frisk ornamentali jista' jvarja mir-rekwiżiti elenkati taħt ii.

v. Immarkar

Il-partikolaritajiet li ġejjin għandhom jakkompanjaw il-prodotti:

a. *Identifikazzjoni*

minn qed jibgħathom jew / minn jippakkja } l-isem u l-indirizz jew il-marka tal-kodiċi

b. *In-natura tal-prodott*

"Weraq frisk ornamentali", jew ir-razza jew l-ispeċji.

L-Anness II A

Standards komuni ta' kwalità għall-weraq friski ornamentali

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-FELĊI TA' L-ASPARAĠI

I. DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT

Dawn id-disposizzjonijiet speċjali japplikaw għall-weraq ta':

— asparagus l. plumosus bak. u

— asparagus l. sprengeri rgl.

II. REKWIŻITI TA' KWALITÀ

(i) Klassi i

Il-weraw tal-felċi ta' l-asparaġi f'din il-klassi għandu jkun:

— żviluppat sew, mhux miksur u mingħajr tkabbir fil-ġnub,

— iffurmati sew bil-kladodi mwaħħlin sew,

— mingħajr sfurija.

(ii) Klass ii

Din il-klassi tinkludi kull felċi ta' l-asparaġi li ma' tissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi i iżda litissodisfa ir-rekwiżiti ta' kwalità minimi għall-weraq frisk ornamentali.

III. DAQS

it-tul għandu jitkejjel mill-ponta sat-tarf taz-zokk.

— għall-*asparagus l. plumosus bak*. id-daqs għandu jkun konformi mad-daqs li ġej:

Kodiċi	Tat-tul
0	anqas minn 30 ċm
30	30 – 40 ċm
40	40 – 60 ċm
60	aktar minn 60 ċm

— id-daqs tat-truf sekondarji għandu jkun konformi mad-daqs li ġej:

Kodiċi	Tat-tul
30	30 – 50 ċm
50	aktar minn 50 ċm

— għall-*asparagus l. sprengeri rgl.*, id-daqs għandu jkun konformi mad-daqs li ġej:

Kodiċi	Tat-tul
0	anqas minn 30 ċm
30	30 – 50 ċm
50	aktar minn 50 ċm

ir-rimji tal-felċi ta'l-asparaġi li jiffurmaw mazz għandhom ikunu bejn wieħed u ieħor ta' tul uniformi.

IV. TOLLERANZI TA' KWALITÀ

tolleranzi ta' kwalità jistgħu ikunu permessi f'kull unità ta' preżentazzjoni kif ser jingħad:

(i) Klassi i

10 % taz-zkuk jistgħu ivarjaw mir-rekwiżiti ta' din il-klassi iżda għandhom josservaw dawk tal-klassi ii. l-ebda tolleranza ma' tkun permessa għal zkuk li huma miksura jew li jkollhom tkabbir fil-ġnub.

(ii) Klassi ii

10 % taz-zkuk jistgħu ivarjaw mir-rekwiżiti ta' din il-klassi. kull difetti m'għandux itelef mill-utilità tal-prodotti.

V. IPPAKKJAR U PREŻENTAZZJONI

A. Preżentazzjoni

il-weraq ta' l-*asparagus plumosus* għandu jinġabar f'mazzijiet ta' 10 zkuk jew numru immultiplikat b'10; dawk ta' l-*asparagus sprengeri* f'mazzez ta' 100 gramma, 250 gramma jew numru immultiplikat b'250 grammi.

B. Uniformità

zkuk miksura jew rimji sekondarji għandhom jintgħamlu f'mazzez separati. zkuk fl-istess mazz għandhom ikunu uniformi fil-forma u fil-kulur.

Ċ. Ippakkjar

l-ippakkjar għandu jipproteġi i-prodott b'mod adegwat. karti jew materjali oħra li jiġu f'kuntatt dirett mal-prodott għandhom ikunu ġodda.

VI. IMMARKAR

il-partikolaritajiet li ġejjin għandhom jakkompanjaw il-prodotti:

A. Identifikazzjoni

minn qed jibgħathom jew minn jippakkja } l-isem u l-indirizz jew il-marka tal-kodiċi

B. In-natura tal-prodott

"asparagus plumosus" jew "asparagus sprengeri" skond il-każ.

Ċ. L-oriġini tal-prodott (mhux obbligatorja)

Reġjun ta' l-oriġini jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. Speċifikazzjonijiet kummerċjali

— klassi,

— daqs,

— numru ta' mazzez jew piż nett.

E. Marka ta' kontroll uffiċjali (mhux obbligatorja)